# TRIBUNAL GHALL-INVESTIGAZZJONI TA` INGUSTIZZJI

## IMHALLEF

## ONOR. C. FARRUGIA SACCO B.A., LL.D.

Rikors Numru: 708/97

Joseph Salerno

vs

The Chairman Mid-Med Bank u b' digriet tal-20 ta' Gunju 2002 gie korrett ghal HSBC Bank Malta p.l.c.

Illum 24 ta' Gunju, 2002.

It-Tribunal,

**RIKORS:**

Ra r-rikors li bih ir-rikorrent wara li ppremetta illi bejn id-9 ta' Mejju 1987 u l-15 ta' Mejju 1995, u b'mod aktar preciz fi jew ghall-habta ta' 1987 u 1995 huwa sofra ingustizzja f'li ma nghatax promozzjoni.

Illi l-fatti tal-kaz kienu fil-qosor kif gej:

Huwa beda jahdem mal-Mid Med Bank fl-1977 u bhalissa qed jokkupa l-Grad ta' Supervisor A, grad li jokkupa ghal dawn l-ahhar sentejn.

Huwa beda bhala Clerk u fl-1986 huwa ha promotion ghall-Signatory B. Fl-1989 kienu hargu l-promotions ghall-Signatory A u ghalkemm inghataw 29 promotion huwa ma kienx wiehed minnhom. Hdax minnhom kellhom servizz daqsu fil-grad filwaqt li 18 minnhom kellhom servizz anqas minnu. Kien hemm minnhom li kienu ghadhom kemm hadu promotion ghall-Supervisor B sitt xhur qabel filwaqt li huwa kellu jistenna 9 snin biex isir Supervisor A. Fl-1995 filwaqt li huwa sar Supervisor A hafna minn dawk li kienu qabzuh saru Managers.

Agnes Camilleri li kienet skrivana mieghu Hal-Luqa meta huwa kien Signatory B l-ewwel hadet promotion ghall-Supervisor B imbaghad sitt xhur wara hadet promotion ghall-Supervisor A avolja la kwalifiki ma kellha u lanqas servizz ma kellha izjed minnu anzi kellha rapporti inferjuri minn tieghu.

Fl-1990 u fl-1991 kienu regghu hargu l-promotions u huwa rega' gie maqbuz minn nies li kellhom esperjenza u servizz anqas minnu kemm fil-Bank kif ukoll fil-Grad.

Illi huwa kien bi hsiebu jgib biex isostni l-ilment tieghu lix-xhieda murija fl-elenku li jindika ghar-rigward ta' kull xhud dawk il-fatti li r-rikorrent kien bi hsiebu jgib prova dwarhom bix-xhieda tieghu.

Ghaldaqstant ir-rikorrent talab lil dan it-Tribunal li jisma' u jiddeciedi dwar dan l-ilment skond l-Att ta' l-1997 dwar it-Tribunal ghall-Investigazzjoni ta' Ingustizzji, u li jinghata rimedju billi jigi ordnat illi jinghata l-promozzjoni ghal Manager bis-sehh minn 1995 biex jerga' jgib is-seniority li tellfuh jew inkella jekk dan ir-rimedju ma jistax jinghata li jigi ordnat li jithallas kumpens f'ammont ta' kif tiddeciedi li hu xieraq il-Qorti.

Ra l-elenku tax-xhieda tar-rikorrent.

**ECCEZZJONIJIET:**

Ra r-risposta tal-Bank intimat li eccepixxa illi filwaqt li mhux kontestat li r-rikorrent ilu impjegat mal-bank intimat ghall-perjodu minnu msemmi, huwa minnu wkoll li fil-konfront tieghu, l-Bank mexa b' mod regolari u korrett mar-rikorrent u dan skond ma jistipulaw ir-regolamenti u l-kundizzjonijiet tal-impieg preskritti fiz-zmien relattiv.

Illi l-kundizzjonijiet tal-impieg preskritti relattivament ghar-rikorrent u l-impjegati shabu huma mfissra li Ftehim Kollettiv li dwar l-ghoti ta' promozzjonijiet jinghad b'mod l-aktar car li l-ghoti ta' promozzjonijiet ma jiddependix biss mill-anzjanita` jew mill-kwalifiki tal-impjegat, imma minn fatturi ohrajn daqstant siewja.

Illi minbarra dan, huwa fatt ukoll li l-ghoti ta' promozzjonijiet fi hdan azjenda jikkostitwixxi att ta' prerogattiva diskrezzjonali tal-imghallem.

Illi għalhekk minbarra li l-ilment tar-rikorrent huwa infondat, dan jinsab imsejjes biss fuq konsiderazzjoni li, kieku l-Bank intimat kellu jimxi fuqha biss, kien ikun qiegħed jagħmel ingustizzja mal-impjegati l-oħrajn.

Illi fi kwalunkwe kaz l-ilment tar-rikorrent jinsab kontradett mill-istqarrija tiegħu tal-fatti billi meta kien jishoqqlu li jingħata promozzjoni l-Bank intimat tah il-promozzjoni li kien jimmerita. Għaldaqstant l-intimat issottometta li t-talbiet tar-rikorrent għandhom jigu michudin bl-ispejjez kontrieh.

Ra l-elenku tax-xhieda tal-intimat.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Sema' lix-xhieda bil-gurament.

Sema' l-abili difensuri.

**PROVI:**

Ikkunsidra

Illi r-rikorrent ipprezenta affidavit li permezz tiegħu semma illi hu dahal jahdem mal-Mid-Med Bank fl-1977. Beda bhala skrivan u fl-1986 ha l-promozzjoni għal Supervisor B. Fl-1989 il-Bank hareg lista ta' promozzjonijiet b'effett mis-16 ta' Marzu 1989 u b'kollox inghataw 35 promozzjoni, izda r-rikorrent ma kienx wiehed minnhom. Hu pprotesta mal-Bank u sostna li hafna mill-

kollegi tieghu kellhom kredenzjali anqas minnu u kien hemm minnhom li hadu promozzjoni ghaxar xhur u nofs qabel, waqt li hu kellu jistenna 9 snin biex isir Supervisor A liema kariga fil-prezent jokkupa. Da fatti sostna li fl-1995 huwa sar Supervisor A, hafna minn dawk li qabzuh fl-1989 u ohrajn fl-1990 u fl-1993 kienu saru Managers. F'dan l-ezercizzju ta' promozzjoni ta' Supervisor A fl-1989, il-kwalitajiet li kienu msemmija fil-Ftehim Kollettiv u li kienu kollha tangibli gew injorati. Dawn fil-fatt kienu: 1) Senjority, 2) Merit / Aptitude - Appraisal Reports, 3) Kwalifiki.

Hu sostna dwar Seniority li din giet injorata u nfatti u semma' li dsatax il-kollega kellhom servizz anqas minnu fil-grad, waqt li disa' ohra kellhom l-istess grad bhal tieghu. Dwar il-Merit/Aptitude – Appraisal Reports zid illi dawn ir-rapporti ukoll gew injorati u l-unika sena li setghu jikunsidraw kienet dik tal-1988. Din minhabba li f'April tal-1988 xi kollegi li fl-1989 kienu qabzuni kienu ghadhom skrivani. Allura il-Bank qatt ma seta' jikkonsidra r-rapporti ta' qabel 1988 peress illi l-paragun trid taghmlu. "Like with like" per ezempju Signatory B ma Signatory B u mhux skrivana. Semma' specifikatament lil Agnes Camilleri li kienet fl-istess dipartiment tieghu gewwa Hal Luqa fl-1988 meta kellha rapport inferjuri minn tieghu ghal dik is-sena. Madankollu u minkejja li kienet "junior" tieghu din kwalifikat izda hu ma giex promoss.

Dwar il-kwalifiki dawn gew injorati ghax aktar minn nofs tal-lista ma kellhomx kwalifiki bankarji. Anzi tnejn minnhom u cioe' Mr. Vince Brown u Mr. S. Robinson kienu dahlu l-Bank bhala

messaggiera u anqas biss kellhom ta' lanqas 5 certifikati ta' "O" Level.

Wara xehed dwar il-promozzjonijiet ta' Manager illi hargu skond ic-cirkulari Nru 42/95 b'effett minn 8/5/1995. Bhala kriterji il-Bank kien uza 1) Seniority, 2) Kwalifiki, 3) Appraisal Reports u 4) Merit. Dwar Seniority semma' illi erba' minn dawk illi qabzuh kienu lahqu Managers, waqt li kien hemm ohrajn, tmienja illi qabzuh fin-1990, erba fin-1991 u tnejn fin-1992 illi kollha gew promossi ghall-Managers.

Dwar kwalifiki semma li numru sostanzjali ma kellhom l-ebda kwalifiki aktar minnu.

Dwar Appraisals Report zid illi r-rapport tieghu bejn 1991-1994 kollha kienu "Very Good" u ta' l-anqas kienu bhal hafna minn dawn l-ghoxrin li hadu l-promozzjoni ta' Manager.

Dwar Merit semma li din hi marka moghtija minn Bord li kien twaqqaf apposta. Hu gie eskluz minhabba l-ingustizzja tal-1989. Semma' illi hu kien sa certu punt Manager ippruvat ghax ghall-aktar minn darba u cioe' f'disa' okkazjonijiet kein hadem ta' Manager, waqt ill-kollegi tieghu ma kienux gew ippruvati. Sostna li minhabba dawn l-ingustizzji hu baqa' jbati anke wara dawk id-dati minhabba li numru ta' kollegi tieghu kien gew qabzuh u baqghu f'seniority aktar il-quddiem minnu.

Semma illi kwalifiki specifici tal-Bank m'ghandu xejn. Dwar appraisal reports ta' tliet snin precedenti u cioe' tal-1986 huwa kellu Good, fl-1987 kellu satisfactory over all, u fl-1988 kellu Good ukoll. Ghamel referenza ghad-dokument JSA esebita a fol 51 tal-process, hu semma' illi minn dan l-istess dokument jirrizulta li kien hemm minn kellu seniority inqas minnu, kien hemm minn kellu rapporti gradwatorji ta' l-annual appraisal reports inqas minnu wkoll u bhala kwalifiki kien hemm minn kien bhalu ma kellu xejn.

Il-promotion exercise tal-1989 kien isir mill-istaff department u dawn ma kienux ikunu jafuhom bhala applikanti; fis-sens li ma kienux jahdmu maghhom u anke anqas biss qatt rawhom. Kellhom biss informazzjonijiet minnha dwar Appraisal Report u informazzjoni ohra li kienet tkun fil-file. Semma' li bejn l-1988 u 1996 ha promozzjoni wahda li kienet fl-1995 u din kienet ghall-signatory A.

Peress illi saru domandi lir-rikorrent dwar l-applikazzjoni tieghu quddiem il-Kummissjoni ghall-investigazzjoni ta' l-Ingustizzji dan semma' illi l-ilment li kien ghamel lil din il-Kummissjoni kien jirrigwardja promozzjonijiet tl-1992. B'ordni tat-Tribunal kien gie allegat il-process tal-Kummissjoni riferibbilment ghall-ilment li rrizulta li dan kien jirreferi ghall-1992 u b'digriet tas-6 ta' Novembru 2000 it-Tribunal kien ordna li ma jsirux provi dwar il-promozzjoni tal-1992.

Xehed Anthony Vella Gregory Branch Credit Support Manager. Semma' illi r-rikorrent kien irregistra grievance peress li ma kienx ha l-promozzjoni ta' l-1995 u x-xhud kien semmielu li r-rikorrent ma kienx ha din il-promozzjoni peress li ma kienx intitolat skond il-kriterji li kien hemm stabbiliti ghal dik il-promozzjoni specifika tal-1995. Peress li r-rikorrent insista, x-xhud Vella Gregory ghamel analizi aktar fil-fond u vverifikajt dwar il-promozzjonijiet li kien hemm fl-1989. Hu ghamel lista bid-dettalji kollha ta' kull min ha l-promozzjoni fl-1989. Skond il-collective agreement tal-bank normalment il-kriterji li ghalihom jinghata huma seniority, kwalifiki, esperjenza, merit u aptitude. Mill-istudji li ghamel jidher li kien hemm xi whud li inghataw promozzjoni dik inhar u dahlu mal-Bank wara Joseph Salerno.

Jew inkella kienu hadu l-promozzjoni ghall-grad ta' Signatory B wara r-rikorrent jew inkella wkoll kien hemm xi whud li kellhom rapporti gradwatorji inqas mill-istess Salerno. Qal ukoll li minn kien ha l-promozzjoni ta' Signatory A seta' skond ir-rekwiziti specifici li kien hemm ghall-promozzjonijiet ta' l-1995 japplika u jkun eligibbli ghal promozzjonijiet ta' l-1995. Semma' li l-bord li nhatar biex janalizza biss grievances relatati mal-promozzjonijiet ta' l-1995 ma kellux il-poter li jiehu azzjoni rigward ir-rikorrent fuq dak li gara qabel 1995. Dan skond l-agreement stess li kien hemm bejn il-union u l-Bank u skond it-terms of reference li kienu taw l-bord tad-diretturi.

**KONKLUZJONIJIET:**

Fil-kawza Anthony Scicluna vs Chairman Bank of Valletta deciza fis-27 ta' Ottubru, 1998 it-Tribunal qal:

"Issa fil-fehma ta' dan it-Tribunal, s-Seniority ghandha piz kbir hafna fl-ghoti tal-promozzjonijiet u ghandha ma tigix meqjusa biss meta jirrizultaw b'mod car u inekwivoku jew kwalitajiet posittivi ohra f'xi individwi ohra li jiggustifikaw li persuna / persuni ghandha taqbez lil min imissu skond is-seniority, jew kwalitajiet negattivi f'dak li jkun imissu l-promozzjoni [skond is-seniority] li jiggustifikaw li dik il-persuna ma tinghatax il-promozzjoni. Altrimenti naslu fi stadju fejn jirrenja suprem il-favoritizmu favur xi individwi ghal ragunijiet diskriminatorji (u ghalhekk kontra l-Kostituzzjoni)." [Ara wkoll George Debono vs Brigadier AFM 28/10/98].

Illi meta wiehed jimxi fuq il-principji hawn fuq imsemmija kif ukoll minn dak li l-Bank stess uza bhala kriterji ghall-promozzjonijiet dwar l-ezercizzju tal-1989 ghall-Supervisor A, wiehed bil-fors li jkollu jara jekk effettivament kienx hemm xi kriterji negattivi fil-konfront tar-rikorrent. Infatti rrizulta li bhala seniority ir-rikorrent gie maqbuz. Issa kien hemm ragunijiet ghaliex ir-rikorrent kellu jigi maqbuz? U l-Bank intimat stranament ma pruvax igib provi dwar dan l-aspett.

Mir-rapporti li hemm esebiti ma jidhirx li kien hemm kwalitajiet negattivi fir-rikorrent. Ma jidhirx lanqas li r-rikorrent kien b'xi

mod outstanding izda jidher illi bazikament kien sodisfacenti u tajjeb. U ghalhekk it-Tribunal bil-fors ikollu jikkummenta dwar il-promozzjonijiet tal-1989 dwar Signatory A b'mod illi ma inghatatx raguni valida ghaliex ir-rikorrent ma nghatax tali promozzjoni. Apparti minn din is-seniority jidher li fi kwalifiki r-rikorrent kien superjuri ghal diversi nies illi fil-fatt hadu l-appointment.

Dwar Merit u Aptitude li hija kriterju iehor li fuqu l-Bank ibbaza jirrizulta illi effettivament ir-rikorrent gia kien Signatory B u ghalhekk dawk illi lanqas biss kienu ghadhom saru Signatory B u sar rapport appraisal report fuqhom kif inhi li l-Bank seta' qatt iqis l-appraisal report taghhom superjuri ghal dak tieghu. Dan jaghmilha cara li fl-1989 ghal xi raguni r-rikorrent inqabez ingustament. U hawnhekk it-Tribunal isib li jezistu l-elementi ta' ingustizzja fit-termini tal-Kapitlu 394 tal-Ligijiet ta' Malta.

Nigu issa ghall-promozzjonijiet tal-1995 u hawnhekk hemm diffikoltajiet kbar fejn mix-xhieda tas-Sur Vella Gregory irrizulta illi effettivament ir-rikorrent ma kienx intitolat, skond il-kriterji li kien hemm stabbiliti ghal dik il-promozzjoni specifikament tal-1995, li huwa japplika. Issa hawnhekk ovvjament it-Tribunal irid jaghmel numru ta' riflessjonijiet. Illi minhabba l-ingustizzja li bata' fin-1989 hu spicca fil-posizzjoni illi ma setax japplika fin-1995 u li ghalhekk ir-rikorrent possibbilment seta' rega baghta minn xi ingustizzja ohra tan-1995. Izda dan it-Tribunal hawnhekk ma ghandux l-elementi necessarji biex jista' jghid katigorikament li saret ingustizzja minhabba li kollox qieghed jigi bbazat fuq element kondizzjonali u cioe' li kieku r-rikorrent ha l-promozzjoni

tal-1989. Certament dan it-Tribunal mhuwiex fil-pozizzjoni li jghid illi kieku r-rikorrent kien ikun intitolat ghall-promozzjoni tal-1995 minhabba li ma ghandux skeda komparattiva ta' l-applikanti kollha u ta' dawk illi effettivament saru bil-kwalifiki, seniority u rapporti kollha taghhom. Ghalhekk logikament ma jistax dan it-Tribunal jasal ghall-konkluzjoni illi effettivament saret ingustizzja mar-rikorrent meta hu fl-1995 ma sarx. Sfortunatament dan huwa element illi spiss isib it-Tribunal izda li ghalih minn kif inhi formulata l-Ligi huwa ferm difficli li jsewwi l-possibbli ingustizzja li jkun hemm.

It-Tribunal ghamilha cara diversi drabi li anqas jekk wiehed jaghti l-promozzjonijiet kollha possibbli xorta wahda ma jistax qatt jekk saret ingustizzja inehhi d-dwejjaq, l-ansjeta' u l-ugiegh ta' bniedem li gie maqbuz minn hatra. U dan hu kaz wiehed minnhom fejn effettivament it-Tribnal ma jista' qatt jirrimedja il-futur possibli ta' persuna. L-unika haga li t-Tribunal jista' jaghmel hi li fejn isib promozzjoni partikolari li ghaliha r-rikorrent kien ikkwalifikat jordna li l-hatra tinghata minn dik id-data kif fil-fatt sejjer jaghmel fil-kaz in ezami.

Ghalhekk it-Tribunal dwar il-promozzjoni tal-1989 jichad l-eccezzjonijiet tal-Bank intimat minhabba li tirrizulta ingustizzja fit-termini tal-Kapitolu 394. Jilqa' t-talba tar-rikorrent u peress li jsib l-ilment gustifikat jirrikkmanda lir-rikorrent jinghata rimedju kumpensattiv billi jinghata l-kariga ta' Signatory A b'effett mill-1989 mill-istess data li fiha kienu inghataw kollegi tieghu u

jitpogga fil-lista ta' seniority daqs kemm ha l-promozzjoni dak in-nhar, kif ukoll li jithallas d-differenza fil-paga li sofra.

Dwar l-aspett ta' l-ilment tieghu dwar il-promozzjonijiet tal-1995 it-Tribunal m'huwiex f'posizzjoni li jaghmel gudizzju dwar dan l-aspett kif isemma aktar il-fuq. Ghalhekk ihalli impregudikati d-drittijiet tar-rikorrenti dwar dan l-aspett.

Spejjez kontra l-Bank intimat.